**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Darren Buhagiar]**

**vs**

**Simon Borg**

**Kumpilazzjoni Numru: 1157/12**

**Illum, 8 ta' April, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Simon Borg detentur tal-karta tal-identita` numerata 208085M akkuzat talli:

1. Fil-lejl ta' bejn it-30 t'Ottubru 2005 u il-31 t'Ottubru 2005, f'xi hin bejn il-hdax ta' filghaxija u d-disgha ta' filghodu, fi Triq Santa Monika, Tarxien, ikkommetta serq ta' *stereo* tal-

marka *Panasonic* minn go vettura tal-ghamla *Citroen Saxo* bin-numru tar-registrazzjoni DBG-524, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Kimberly Cutajar minn Paola;

2. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` fuq vettura tal-marka *Citroen Saxo* bin-numru tar-registrazzjoni DBG-524, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin cenetzmu (23.29) ghad-detriment ta' Kimberly Cutajar minn Paola;

3. U talli fil-lejl ta bejn l-14 ta' Novembru 2010 u l-15 ta' Novembru 2010, f'xi hin bejn l-ghaxra u nofs ta' filghaxija u s-sitta ta' filghodu Triq il-Kullegg, Rabat ikkommetta serq ta' *stereo* tal-marka *JVC*, *DVD player* tal-marka *JVC*, *subwoofer* tal-marka *Sony Exploid* bil-kaxxa, zewg *speakers* tal-marka *Pioneer* ta' daqs 6" x 9" bl-ixkaffa maghhom u *amplifier* ta' sahha 1800 Watts u ta' marka mhux maghrufa minn go vettura tal-ghamla Opel Astra bin-numru tar-registrazzjoni EBD-369, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bix-xorta tal-haga

misruqa u bil-valur li huwa iktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) izda mhuwiex izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Clinton Bugeja mill-Fgura;

4. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` fuq vettura tal-ghamla Opel Astra bin-numru tar-registrazzjoni EBD-369, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29) ghad-detriment ta' Clinton Bugeja mill-Fgura;

5. Fil-lejl ta' bejn is-27 ta' Jannar 2011 u it-28 ta' Jannar 2011, f'xi hin bejn is-sebgha u nofs ta' filghaxija u t-tlieta u nofs ta' wara nofsinhar, fi Triq Sir Ugo Mifsud, Lija, ikkommeta serq ta' *stereo* bid-DVD *player* tal-marka mhux maghrufa minn go vettura tal-ghamla Toyota Starlet GT bin-numru tar-registrazzjoni HBA-386, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Keith Richard Schembri minn Hal-Lija;

6. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` fuq vettura tal-ghamla *Toyota Starlet GT* bin-numru tar-registrazzjoni HBA-386, liema ammont ta' hsara ma jiskorrix tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29) ghad-detriment ta' Keith Richard Schembri minn Hal-Lija;

7. U talli kkommetta reat matul il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) datata 11 t'Ottubru, 2010;

8. U talli sar recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata erbgha u ghoxrin (24) ta' Ottubru, tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn ta l-kunsens tieghu

sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

Ikkunsidrat illi din il-kawza tittratta fuq allegat serq li sehh f'diversi zminijiet u f'diversi lokalitajiet u cioe` fi Triq Santa Monika, Tarxien, fi Triq il-Kullegg, Rabat u fi Triq Sir Ugo Mifsud, Lija.

Illi xehed **Keith Richard Schembri** li qal li ghamel rapport l-ghassa rigward serqa li saret minn gol-vettura tieghu. Huwa spjega illi kien ipparkja l-vettura tieghu tal-ghamla Toyota Starlet GT, bin-numru tar-registrazzjoni HBA-386, fis-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar tas-sena elfejn u hdax (2011), quddiem il-garaxx ta' missieru fi Triq Sir Ugo Mifsud Lija, b'dan li l-ghada filghodu cemplitlu ommu li ratlu l-karozza sgassata, id-*dashboard* maqlugh u l-i*stereo* nieqes. Huwa jghid li bhala valur tal-i*stereo* ta' meta kien xtrah kien ta' sitt mitt ewro (€600). Huwa jghid illi l-

Pulizija qalulu li kienu elevaw xi *fingerprints*. Ghamel ukoll *claim* mal-agenzija tal-assigurazzjoni tieghu u jafferma illi l-istess agenzija diga` taghtu rifuzjoni tal-valur tal-i*stereo*. Izid jghid illi ma jafx jekk it-tellar irceviex il-flus minghand l-agenzija tal-assigurazzjoni tieghu.

Illi xehed **PS 3 Kevin Grima**, fejn qal illi fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u hdax (2011) Keith Richard Schembri rraporta serqa mill-vettura tieghu tal-ghamla Toyota Starlet GT, bin-numru tar-registrazzjoni HBA-386, fi Triq Sir Ugo Mifsud, Lija. Jghid illi wiehed mill-oggetti misruqa kienu *stereo* tal-valur ta' sitt mitt ewro (€600). Ix-xhud jghid illi huwa mar fuq il-post sabiex jaghmel l-istharrig mehtieg kif ukoll iccekkja l-*cameras* fuq il-post. Madanakollu, ir-rizultat tal-istharrig tieghu kien fin-negattiv. Huwa jghid li l-kwerelant kien gie avzat sabiex imur il-Kwartieri fid-Dipartiment tal-Forensika sabiex ihalli xi *finger prints*. Huwa pprezenta rapport li gie mmarkat bhala Dok. KG1.

Illi xehed l-**Ispettur Darren Buhagiar** fejn ipprezenta l-istqarrija tal-imputat (Dok. DB 4) u spjega illi l-imputat kien inghata s-solitu twissja u anki d-dritt tal-avukat fejn huwa kkonsulta ma'

Dr. Franco Debono. L-Ispettur Darren Buhagiar jghid illi fit-tlieta u ghoxrin (23) t'Awwissu tal-elfejn u tnax (2012) huwa rcieva tliet rapporti minghand it-taqsima tal-forensika fejn skopra li kien hemm *positive match* ta' *finger prints comparison* rigward tliet rapporti separati li jikkoncernaw serq minn gol-vetturi sopra riferuti. Huwa qal li l-kwerelant Clinton Bugeja kien stqarr li nsterqulu diversi oggetti ammontanti ghal elfejn ewro (€2000). Huwa jaghmel referenza wkoll ghall-kwerelant Keith Schembri fejn jafferma illi r-rapport rigwardanti il-vettura ta' Keith Schmebri kien diga` gie esebit f'seduti precedenti. Jghid illi it-tielet kwerelanta u cioe` Kimberly Cutajar giet imsejha diversi drabi sabiex tikkonferma l-oggetti misruqa izda din ghazlet li ma tattendix il-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Ix-xhud ikompli jghid illi l-imputat stqarr illi ghandu problema tad-droga u mhux l-ewwel darba li kellu jisraq mill-karozzi sabiex ikollu l-flus biex jixtri d-droga. Jghid li madanakollu, l-imputat waqt l-interrogazzjoni m'ammettiex l-involviment tieghu.

L-Ispettur zied jghid illi l-imputat huwa wkoll recediv u fuq dan il-punt esebixxa sentenza li nghatat fil-hdax (11) t'Ottubru elfejn u ghaxra (2010) li giet immarkata bhala Dok. BD4 fejn fuq

ammissjoni l-Qorti kkundannat lil Simon Borg ghal sena prigunerija sospiza ghal tliet (3) snin taht supervizjoni ta' Ufficjal tal-Probation.

Illi fl-**istqarrija tieghu l-imputat Simon Borg** qal li ghamel disa' snin bil-problema tad-droga. Huwa qal li normalment kien jiseb access gol-vetturi biex jisraq billi jillieva l-bieba. Meta mistoqsi dwar is-serqa rrapportata fil-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru elfejn u hamsa (2005) jghidli ma jiftakarx jekk kiex involut. L-imputat jirrispondi ghad-domandi kollha tal-Ispettur billi jghid "*ma niftakarx*" jew "*ma nafx*".

Illi xehed **PC 3 Christian Mifsud** fejn ikkonferma l-*istatement* tal-imputat u l-firem. Jippreciza illi l-imputat biss ma riedx jiffirma. Jghid ukoll li l-imputat kien ittiehed dawra mal-akwati koncernanti r-reati allegati izda l-istess imputat baqa' jghid li ma jiftakarx x'ghamel.

Illi xehed **PS 1374 Edgar Dalli** fejn ipprezenta relazzjoni dwar serq minn vettura Toyota Starlet GT, bin-numru tar-registrazzjoni HBA-386. Dan ir-rapport gie mmarkat bhala Dok ED1. L-ezami

sar fuq il-vettura Toyota Starlet bin-numru ta' registrazzjoni HBA 386 fejn ix-xhud jghid li nstabu impronti fuq in-naha ta' barra tal-bieba tal-passiggier.

Illi xehed **PS 1238 Clive Brimmer** fejn ipprezenta relazzjoni dwar serqa minn vettura Citroen Saxo bin-numru tar-registrazzjoni DBG-524. Dan ir-rapport gie mmarkat bhala Dok. CB 1. Ix-xhud jghid li gew elevati tliet impronti digitali.

Illi xehed **PS 680 Colin Sheldon**, fejn ipprezenta relazzjoni dwar serqa minn vettura Opel Astra bin-numru tar-registrazzjoni EBD-369. Dan ir-rapport gie mmarkat bhala Dok. CS 1. Ix-xhud jghid li gew elevati diversi impronti digitali.

Illi xehed l-espert tal-impronti digitali **Joseph Mallia**, fejn il-Qorti tat fakulta` lill-istess espert sabiex jeleva r-rapporti kontinenti l-*filters* elevati mill-vetturi sopracitati. Wara illi ghamel l-investigazzjoni mehtiega, l-istess espert wasal ghall-konkluzjoni illi ghar-rigward tal-vettura Citroen Saxo bin-numru tar-registrazzjoni DBG-524 kien hemm impronta wahda identika mas-subgha l-kbir tal-id ix-xellugija tal-imputat Simon Borg.

Ghar-rigward tal-vettura Toyota Starlet GT bin-numru ta' registrazzjoni HBA 386 kien hemm wahda mill-impronti li kienet taqbel mas-subgha l-kbir tal-id ix-xellugija tal-imputat. Rigward il-vettura Opel Astra bin-numru tar-registrazzjoni EBD-369 ix-xhud jghid li kien hemm impronti li ma kinux tajbin ghall-fini ta' komparazzjoni u wahda biss kienet taqbel mas-subgha l-kbir tal-id il-leminija tal-imputat. Ix-xhud esebixxa r-rapport tieghu li gie mmarkat bhala Dok. JM1A (a folio 77 tal-atti proceswali).

Il-Qorti rat li fis-seduta tat-tnejn (2) ta' Marzu elfejn u hmistax (2015), id-difiza ddikjarat li m'ghandhiex provi xi tressaq u ghalhekk il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni.

Illi fis-seduta tad-disgha (9) ta' Lulju elfejn u tmintax (2018), l-Ufficjal Prosekutur ipprezenta nota ta' sottomissjonijiet. Fl-istess seduta, il-Qorti tat zmien xahar cans ghan-nota ta' sottomissjonijiet tad-difiza izda ma gietx b'dan li s-seduta giet differita ghas-sentenza ghat-tmintax (18) ta' Frar elfejn u dsatax (2019).

Ikkunsidrat:

Illi l-fulkrum ta' dawn il-proceduri huwa r-rapport tal-espert Joseph Mallia li kkonstata li fuq kull vettura li giet allegatament sgassata hemm impronta digitali wahda li taqbel ma' dik tal-imputat.

Illi l-Qorti ghandha quddiemha prova cirkostanzjali ta' impronti digitali tal-imputat li nstabu fuq tliet vetturi appartinenti tliet persuni differenti. Minkejja dan il-Qorti tinnota li minn dawn it-tliet sidien xehed biss Keith Richard Schembri u cioe` sid il-vettura Toyota Starlet GT bin-numru ta' registrazzjoni HBA 386 mentri l-kwerelanti l-ohra u cioe` Clinton Bugeja u Kimberly Cutajar ghazlu li ma jidhrux il-Qorti (kif verbalizzat mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tas-sebgha (7) ta' Lulju elfejn u erbatax (2014)). Illi ghaldaqstant il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi stante illi fl-ebda hin u fl-ebda waqt il-kwerelanti ma xehdu quddiem din il-Qorti biex jghidu li gew misruqa. Il-Qorti ma tistax toqghod fuq dak illi xehed l-Ufficjal Prosekutur fuq dak illi qallu xi haddiehor ghaliex dan jammonta biss ghal *detto del detto*.

Illi ghalhekk il-Qorti ser tghaddi biex tezamina l-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni ghar-rigward il-hames (5) u s-sitt (6) akkuzi.

Illi l-Qorti tinnota li d-derubat Keith Richard Schembri ma rax lill-imputat jisraq il-vettura tieghu u di fatti ma gharafx lill-imputat fl-awla. Il-Qorti tinnota wkoll illi din tal-impronti digitali hija l-unika prova tangibbli li biha l-prosekuzzjoni tista' tipprova l-konnessjoni mal-imputat u l-vettura. Huwa car u evidenti li l-impronti digitali tal-imputat instabu fuq il-vettura izda tali prova hija bizzejjed fil-kamp kriminali sabiex jigu ppruvati l-akkuzi odjerni?

Il-Qrati nostrani kellhom ic-cans li jiddibattu l-kwistjoni tal-prova cirkostanzjali f'numru ta' decizjonijiet.

Fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Abdellah Berrad e**t deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fid-dsatax (19) ta' Mejju elfejn u erbatax (2014) fejn intqal li:

*"Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova tal-volta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika".*

Fil-kawza bl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v George Spiteri** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnejn (2002) il-Qorti sostniet is-segwenti:

*"Il-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda...biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w'allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skont il-ligi".*

Fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v Paul Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell fis-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u wiehed (2001) intqal illi:

> *"Il-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat."*

Ugwalment fil-kawza bl-ismijiet **Il-Pulizija v James Abela** deciza wkoll mill-Qorti tal-Appell fil-hdax (11) ta' Lulju elfejn u tnejn (2002) gie ddikjarat illi:

> *"In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "res ipsa loquitur" wiehed jifhem biss li l-fatti - inkluzi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant ihossu moralment konvint li jista' jigbed certi*

*konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wiehed m'ghandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" izda dwar dak li fid-dottrina Ingliza jissejhu "presumptions of fact"....F'materja ta' incidenti stradali il-provi indizjarji hafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistghu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kulltant jistghu ikunu biss soggettivi u kulltant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjah "esprit de voiture". Umbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha il-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi cirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinciment morali tal-*

*gudikant sal-grad rikjest fil-process penali tirrizultax htija ta' sewqan hazin".*

Finalment fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Superjuri bl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v Angel sive Angelo Bajada** datata l-hmistax (15) ta' Mejju tas-sena elfejn u disgha (2009) gie ddikjarat illi:

*"L-assjem tal-provi kien tali li a bazi tieghu l-gurati setghu ragonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-aħħar jaslu ghall-konkluzjoni la ma jemmnux dak li qed isostni l-apppellant u jsibu li l-provi jwasslu inekwivokabbilment ghall-htija tieghu. L-indizji, biex jaghmlu prova, jehtieg li jkunu univoci".*

**Archbold** fil-ktieb tieghu **Criminal Practice** (1997 Edition Para 10-3) b'riferenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz Teper vs. R (1952) jghid:

*"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury is permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another [...]. It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference".*

Illi ghalhekk, mhux kull prova cirkostanzjali hija ugwalment importanti u b'sahhitha. Ghandha tkun infatti d-diskrezzjoni tal-

Qorti li tizen kull bicca ta' evidenza migjuba fil-proceduri biex tigi ghall-konkluzjoni jekk il-prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha oltre d-dubju ragjonevoli. Illi huwa risaput illi bi provi cirkostanzjali wehidhom, f'certi kazijiet, jista' jkun hemm htija.

Illi l-gudikant ghandu jkollu s-serhan tal-mohh li anke jekk ikollu prova cirkostanzjali wahda, dina ghandha tkun bizzejjed sabiex ikollu l-konvinzjoni morali u legali li kollox jindika li l-imputat ikkommetta dak id-delitt.

Illi l-Qorti tinnota li l-imputat ma ressaq l-ebda prova in difiza biex jirribatti din ir-rizultanza xjentifika jew almenu jaghti spjegazzjoni ta' kif l-impronta tieghu spiccat fuq il-vettura tad-derubat. Difatti l-imputat lanqas ressaq provi in difiza.

Minkejja dan il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs Noel Frendo** deciza fit-30 ta' Novembru 2004 fejn qalet li: *"L-impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja - "circumstantial evidence" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "...works by cumulatively, in geometrical*

*progression, eliminating other possibilities." Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat."*

Hawnhekk il-Qorti tirrimarka li l-*lifters* bl-impronti digitali li gew elevati mill-vettura inkwistjoni ttiehdu minn post pubbliku ghaliex il-*lifters* ittiehdu min-naha ta' barra tal-bieba tal-vettura. Konfrontata b'din il-prova wahda u l-fatt li l-post fejn instabet l-impronta tal-imputat kien proprju post pubbliku u mhux gewwa l-vettura tad-derubat, il-Qorti mhijiex konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li tali impronta saret mill-imputat fil-kors tal-kommissjoni tar-reat li bih jinsab akkuzat.

Illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova l-kaz taghha oltre d-dubju dettat mir-raguni l-ghaliex ma tatx is-serhan tal-mohh illi

l-impronta digitali tal-imputat li nstabet fuq il-vettura kienet tippunta biss ghal direzzjoni wahda u cioe` dik li l-imputat kien involut fis-serqa tal-istess vettura. L-imputat seta' kien involut indirettament mal-vettura inkwistjoni u mhux fis-serqa per se.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet kollha din il-Qorti thoss li ma ngabux bizzejjed provi sabiex l-akkuzi odjerni jigu ppruvati oltre d-dubju dettat mir-raguni.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat Simon Borg hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u tilliberah minnhom.

---------------------------------------

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**